MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 76/2002

Bank of Valletta plc .

vs

Mario Muscat,
Peter u Valeri konjugi Muscat .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet :

Illi permezz ta' liberazzjoni li saret fl-atti tas-subbasta numru sittax ta' l-elf disa' mija disgħa u disgħin (16/99) fl-ismijiet "Cranes and Commercial Sales Limited -vs- Mario Muscat pro et noe" is-soċjeta' attriċi akkwistat mill-poter ta' Mario Muscat il-bungalow bla numru u bla isem flimkien mal-garaxx bla numru uffiċjali li jifforma parti integrali mill-imsemmi bungalow u l-art li tiċċirkondaha, liema art hija magħrufa bħala "Tal-Gudja" sive "Tal-Kanura" u li tinsab fl-inħawi "Tal-Gormos" fil-limiti ta' Ħad-Dingli, Malta, liema

bungalow hija aċċessibbli minn triq ġdida bla isem, u liema proprjeta' fiha kejl ta' ċirka għaxart'elef mija u sittax-il metru kwadru (10,116mk) u tikkonfina mill-punent ma' sqaq bla isem u mill-lvant u nofsinhar ma' toroq bla isem .

Illi tali bejgħ ġie reġistrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' l-Insinwa Numru sitt mija u erbatax tas-sena elfejn u wieħed (614/2001) ;

Illi wara tali bejgħ, id-debitur Mario Muscat naqas li jikkonsenja ċ-ċwievet tal-proprjeta' hawn fuq imsemmija lis-soċjeta' attriċi u dana minkejja li ġie interpellat jagħmel dan mis-soċjeta' attriċi permezz ta' ittra uffiċjali mibgħuta f'April tas-sena elfejn u tnejn (2002) ;

Illi l-konvenut Peter u Valeri Muscat qed jokkupaw il-proprjeta' hawn fuq deskritta mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi ;

Illi s-soċjeta' attriċi interpellat ukoll lill-konvenut Peter u Valeri Muscat sabiex jivvakaw il-proprjeta' hawn fuq imsemmija u dana permezz ta' ittra uffiċjali mibgħuta lilhom f'April tas-sena elfejn u tnejn (2002) iżda huma baqgħu inadempjenti .

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-konvenut qed jokkupaw il-proprjeta' hawn fuq imsemmija bla ebda titolu validu fil-Liġi ;

2. Konsegwentament tordna l-iżgumbrament tagħhom mill-istess proprjeta' u dan fit-terminu li jiġi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-soċjeta' attriċi kkonfermata bil-ġurament ta' Anton Scicluna .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Peter u Valerie konjugi Muscat li eċċepew illi :

1. Illi ta' ostakolu għall-azzjoni odjerna hemm il-kawża fl-ismijiet "Peter Paul Muscat -vs- Mario Muscat et" Ċitazzjoni Numru 51.2002 li tinsab pendenti quddiem dina l-Qorti u differita għat-8 ta' April 2003 f'liema kawża qegħda tiġi attakkata s-subbasta numru 16/1999 G9 fl-ismijiet "Cranes & Commercial Sales Ltd. versus Mario Muscat pro et noe" li in forza tagħha ġie liberat il-fond "de quo" favur l-atturi .

2. Illi l-eċċipjenti jokkupaw il-fond in kustjoni b'titolu ta' proprjeta' peress li meta ġie akkwistat il-fond oriġinarjament dan ġie akkwistat mill-konvenut l-ieħor Mario Muscat għan-nom tal-eċċipjenti .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti debitament ġuramentata minn Peter Muscat .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut l-ieħor Mario Muscat li għażel li jibqa' kontumaċi .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-affidavit u dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed tfittex l-iżgumbrament tal-konvenuti mil-fond indikat fiċ-ċitazzjoni li ġie liberat a favur tagħha wara subbasta li kienet saret kontra l-konvenut Mario Muscat minħabba dejn li huwa kellu[1] . Ħadd mill-konvenuti ma xehed . Pero' jidher illi l-konvenuti konjuġi Muscat qed jikkontestaw it-talba minħabba li huma jippretendu illi dan il-fond jappartjeni lilhom u l-atti ta' dik is-subbasta huma konsegwentement nulli .

Madankollu permezz ta' sentenza oħra tagħha ta' llum ukoll fl-atti tal-kawża fl-ismijiet : "Peter Paul Muscat vs

[1] Ara affidavit ta' Anton Scicluna tas-7.4.2003 esebit permezz ta' Nota tat-8.4.2003 a fol. 34 tal-process .

Mario Muscat pro et noe et " (ċit. nru. 51/02), din il-Qorti ddeċidiet billi ċaħdet it-talbiet ta' l-attur fuq nuqqas ta' provi . Illi għalhekk kwalunkwe pretensjoni li jista' jkollhom il-konvenuti konjuġi Muscat, li huma qed jokkupaw dan il-fond b'titolu ta' proprjeta', hija llum bla bażi legali .

Il-konvenut l-ieħor Mario Muscat li baqa' kontumaċi, ma jidher li għad fadallu ebda pretensjoni fuq din l-istess proprjeta' minn meta ġiet liberata a favur tas-soċjeta' attriċi bis-saħħa tas-subbasta msemmija .

Għaldaqstant ma jibqa' ebda raġuni valida għaliex it-talbiet attriċi m'għandhomx jiġu aċċettati .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti konjuġi Muscat, tilqa' t-talbiet attriċi u

1. tiddikjara illi l-konvenuti qed jokkupaw il-proprjeta' msemmja fiċ-ċitazzjoni bla ebda titolu validu fil-liġi, u

2. konsegwentement tordna l-iżgumbrament tagħhom mill-istess proprjeta' u dana fi żmien tliet (3) xhur mil-lum .

L-ispejjeż ikunu kollha a karigu tal-konvenuti konjuġi Peter u Valerie Muscat .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------